**Appell ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2008 minn Ch. Michaïl kontra s-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2007 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-34/06, Michaïl vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-50/08)**

(2008/C 128/73)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellant:* Ch. Michaïl (rappreżentant: Ch. Meïdanis, avukat)

*Il-parti l-oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet ta' l-appellant**

— tiddikjara li dan l-appell kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-34/06 huwa ammissibbli u fondat;

— tannulla l-atti (is-sentenzi) kkontestati tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-34/06;

— tordna kumpens għad-dannu morali li l-appellant bagħta, li jammonta għal EUR 120 000;

— tiddeċiedi fuq l-ispejjeż skond il-liġi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant isostni li, fis-sentenza kkontestata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (iktar 'il quddiem it-"TSP") iddeċieda b'mod żbaljat fuq ir-rikors tiegħu, li permezz tiegħu huwa talab l-annullament tar-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tiegħu ta' l-2004 u tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad l-ilmenti ppreżentati minnu abbażi ta' l-Artikolu 90(2) tar-Regolament tal-Persunal ta' l-Uffiċjali.

B'mod iktar partikolari, l-appellant jinvoka, l-ewwel nett, il-fatt li t-TSP interpreta b'mod żbaljat l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u d-dispożizzjonijiet ġenerali adottati skond dan l-artikolu. It-tieni nett, skond l-appellant, it-TSP ma interpretax korrettement it-talba magħmula fir-rikors tiegħu u wettaq evalwazzjoni żbaljata tal-provi. It-tielet nett, l-appellant isostni li t-TSP ibbaża ruħu fuq motivazzjonijiet kontradittorji sabiex jiċħad ir-rikors tiegħu, u dan wassal sabiex jiġu ppreġudikati d-drittijiet proċedural fundamentali tiegħu. Ir-raba nett, l-appellant isostni li t-TSP wettaq żball billi rrifjuta li jieħu deċiżjoni fuq it-talba in kwistjoni, jew, sussidjarjament, li s-sentenza tiegħu mhijiex suffiċjentement immotivata u fl-aħħar nett li t-TSP ma kienx iġġustifikat meta ċaħad parti mir-rikors tiegħu minħabba impreċiżjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-6 ta' Marzu 2008 — Arch Chemicals Inc. *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-120/08)**

(2008/C 128/74)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Arch Chemicals, Inc. (Norwalk, l-Istati Uniti), Arch Timber Protection Ltd (Castleford, ir-Renju Unit), Bactria Industriehygiene-Service Verwaltungs GmbH (Kirchheimbolanden, il-Ġermanja), Rhodia UK Ltd (Watford, ir-Renju Unit), Sumitomo Chemical (UK) plc (Londra, ir-Renju Unit) u Troy Chemical Company BV (Maassluis, l-Olanda) (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors preżenti bħala ammissibbli u fondat, jew, sussidjarjament, tgħaqqad l-argumenti dwar l-ammissibbiltà ma' l-eżami tal-mertu, jew, sussidjarjamnet, tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar *locus standi* sakemm tingħata d-deċiżjoni fil-proċeduri prinċipali;

— tordna l-annullament ta' l-Artikolu 3(2) (u ta' l-Anness II), ta' l-Artikolu 4, ta' l-Artikolu 7(3), tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(2), ta' l-Artikolu 15(3) u ta' l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007, ta' l-4 ta' Diċembru 2007, dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali;

— tiddikjara l-illegalità u l-inapplikabbiltà fil-konfront tar-rikorrenti ta' l-Artikoli 9(a), 10(3), 11 u 16(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali;

— tiddikjara l-illegalità u l-inapplikabbiltà fil-konfront tar-rikorrenti ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000, tas-7 ta' Settembru 2000, fuq l-ewwel fażi tal-programm rigward prodotti bijoċidali msemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007, ta' l-4 ta' Diċembru 2007, dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u